



Brussell, 16 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10729/20

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)
2018/0217(COD)
2018/0218(COD)

**AGRI 263
AGRILEG 96
AGRIFIN 70
AGRISTR 65
AGRIORG 61
CODEC 790
CADREFIN 230**

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: 9645/18 + COR 1 + ADD 1
9634/18 + COR 1 + ADD 1
9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1

Suġġett: Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020

a) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

b) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

c) Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u r-Regolament (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew

- *Sitwazzjoni attwali tar-riforma tal-PAK u skambju ta' fehmiet*

Bil-ħsieb tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-21 ta' Settembru 2020, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota tal-Presidenza li tistabbilixxi s-sitwazzjoni attwali tal-pakkett ta' riforma tal-PAK u li tiddeskrivi l-elementi ta' diskussjoni għall-iskambju ta' fehmiet ministerjali, inkluż tliet mistoqsijiet biex jitmexxa d-dibattitu.

Bi tħejjija għal Approċċ Ġenerali dwar ir-riforma tal-PAK, minn hawn 'il quddiem qed tiġi stabbilita ħarsa ġenerali tad-diskussjonijiet ippjanati fil-Kunsill fil-21 ta' Settembru 2020, kif ukoll is-sitwazzjoni attwali tal-kwistjonijiet l-oħra li għandhom jiġu inklużi fl-Approċċ Ġenerali f'Ottubru.

Sitwazzjoni attwali tar-riforma tal-PAK

Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq

Il-Presidenza ser tippreżenta r-Regolament Emendatorju fil-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA) bil-ħsieb li jinkluda Approċċ Ġenerali f'Ottubru. Il-Presidenza tqis ir-Regolament Emendatorju fil-biċċa l-kbira bħala stabbli u ser taħdem lejn il-finalizzazzjoni tiegħu fil-KSA.

Regolament Orizzontali

Il-Presidenza ser tkompli l-ħidma tagħha fil-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill bil-ħsieb li tiġi ffinalizzata l-ħidma għal Approċċ Ġenerali f'Ottubru.

Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

Filwaqt li r-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK jista' jitqies fil-biċċa l-kbira tiegħu bħala stabbli, hemm kwistjonijiet importanti li jeħtieġu aktar diskussjoni.

Diskussjoni għal-laqgħa tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 2020

Arkitettura ekoloġika

L-Istati Membri kkonfermaw ripetutament l-ambizzjoni tagħhom li jżidu l-kontribut ambjentali u klimatiku tal-PAK. Sabiex jinkiseb livell ogħla ta' ambizzjoni ambjentali u klimatika, jeħtieġ li l-hekk imsejja arkitettura ekoloġika titfassal kif xieraq.

1. **Ekoskemi.** Il-Presidenza tqis l-ekoskemi b'saħħithom bħala strument ewlieni biex tiżdied l-ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK. Il-Presidenza ppreżentat is-suġġerimenti tagħha, li jkopru ekoskemi obbligatorji għall-Istati Membri u sehem minimu tal-baġit tal-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għall-ekoskemi. Diversi Stati Membri spjegaw li huwa diffiċli li wieħed ibassar l-użu ta' ekoskemi u li jenħtieġ li jiġi evitat telf ta' fondi tal-ekoskemi li ma ntefqux. Il-Presidenza ħadet kont ta' dan it-tħassib u ppreżentat approċċ fuq żewġ livelli biex jiġi stabbilit baġit minimu, b'"fażi pilota" inizjali li fiha jiġi propost mekkaniżmu biex jiġi evitat – bil-kondizzjoni li l-possibbiltajiet kollha għall-użu tal-fondi rispettivi għall-iskemi għall-klima u l-ambjent jiġu eżawriti — it-telf ta' fondi. Il-Presidenza hija miftuħa għall-ideat tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar il-kwistjoni tal-fondi li ma ntefqux u tistenna b'interess li tirċievi kummenti rilevanti fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Settembru.
2. **Kondizzjonalità.** Sabiex tinkiseb il-prestazzjoni ambjentali ogħla mixtieqa, il-Presidenza tqis li hija meħtieġa sistema ta' kondizzjonalità ambizzjuża. Għalhekk, il-bdiewa kollha għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonalità. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn, jiġu pprovduti simplifikazzjonijiet għal azjendi żgħar billi jitqies id-daqs tal-azjenda agrikola fl-istabbiliment tal-istandards ta' Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin (GAEC) mill-Istati Membri, b'għażla ta' sistema ta' kontroll simplifikata u l-possibbiltà li ma jiġux applikati pieni amministrattivi f'ċerti każijiet.

Fir-rigward tal-KAAT 9, il-Presidenza ssuġġeriet li jiġi introdott **sehem minimu uniformi ta' oqsma u karatteristiċi produttivi/mhux produttivi** madwar l-UE. Fil-fehma tal-Presidenza, l-ispeċifikazzjoni ta' tali sehem minimu għandha tirrifletti minn naħa waħda l-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi ogħla, u min-naħa l-oħra s-sitwazzjoni differenti fost l-Istati Membri. Konsegwentement, il-Presidenza ssuġġeriet li l-perċentwal minimu għandu jiżdied minn 5 % (bħal fl-ekoloġizzazzjoni attwali) għal **[x]% b'referenza għar-raba' li jinħadem** ([x]% li jirrappreżenta ċifra li għandha tiġi maqbula fil-livell tal-UE) . Peress li kien meħtieġ ħafna minn bosta Stati Membri, għandu jkun possibbli li **ċerti użi produttivi jingħaddu** mas-sehem minimu. Għall-għelejjel tat-titwiq huwa previst fattur ta' ponderazzjoni ta' 0.3. Għal dawk l-Istati Membri li jixtiequ jgħoddu esklużivament oqsma u karatteristiċi mhux produttivi mas-sehem minimu, sehem minimu aktar baxx ta' **3 %** huwa ssuġġerit mill-Presidenza . Il-Presidenza tqis li KAAT u Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs) oħra għandhom b'mod ġenerali jibqgħu kif abbozzati mill-Presidenza Kroata.

3. **Dispożizzjonijiet ambjentali u klimatiċi fit-tieni pilastru.** Il-Presidenza tissuġġerixxi li jinżamm it-test ta' kompromess abbozzat taħt il-Presidenza Kroata rigward il-pagamenti għal żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona skont l-Artikolu 66. Għaldaqstant, pagamenti bħal dawn jgħoddu mal-livell limitu minimu ta' 30 % tal-kontribuzzjoni totali tal-FAEŻR li għandha tiġi riżervata għal interventi li jindirizzaw l-oġettivi speċifiċi ambjentali u dawk relatati mal-klima.

Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid

Il-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM) huwa parti ċentrali tal-PAK futura bbażata fuq ir-riżultati. Dan jinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet speċifiċi li għandhom l-għan li jitbiegħdu mis-sistema preċedenti bbażata fuq il-konformità, bħal dawk li jikkonċernaw l-iffissar ta' ammonti unitarji għall-interventi, l-approvazzjoni tal-prestazzjoni u l-indikaturi.

Abbażi tal-progress li sar mill-Presidenzi preċedenti, il-Presidenza Ġermaniża ddiskutiet dan is-suġġett importanti b'mod intensiv fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Agrikoli Orizzontali (WP HAQ). Barra minn hekk, il-KSA ttratta l-kwistjoni tat-tfassil futur tal-indikaturi.

Huwa għan komuni li l-implimentazzjoni tal-NDM għandha tkun prattikabbli għall-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni Ewropea teħtieġ bażi suffiċjenti biex tirrevedi l-ippjanar u biex ikollha bażi solida għall-analiżi tal-prestazzjoni. Xi elementi għad iridu jiġu diskussi biex tinstab soluzzjoni komuni.

1. **Approvazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-Istati Membri.** Bosta Stati Membri esprimew tħassib kbir u mistoqsijiet dwar iċ-ċertezza legali meħtieġa fir-rigward tal-proċess ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri mill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Presidenza daħħlet kjarifika legali korrispondenti fl-Artikolu 106 tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK. Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara li l-valutazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK mill-Kummissjoni għandha tkun ibbażata esklużivament fuq atti li huma legalment vinkolanti għall-Istati Membri.
2. **Indikaturi.** Is-sistema ta' indikaturi jeħtieġ li tkun ċara u implimentabbli biex tagħti prova li l-PAK verament tilħaq l-oġettivi tagħha. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni teħtieġ biżżejjed informazzjoni u data biex twettaq l-analiżi tal-prestazzjoni u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-PAK. Sabiex jiġi indirizzat il-kontribut tal-PAK għal ċerti oġettivi ambjentali u klimatiċi, indikaturi separati jistgħu jirriflettu aħjar l-effetti tal-politika. Konsegwentement, il-Presidenza ssuġġeriet li jiġu introdotti mill-ġdid indikaturi separati li jkopru l-kontribut tal-PAK għall-kwalità tal-arja, il-kwalità tal-ilma u l-użu sostenibbli tal-ilma. Il-Presidenza għandha l-għan li tikkonkludi l-ħidma fuq l-indikaturi fid-WP HAQ.

3. **Ammonti unitarji.** L-Istati Membri talbu ripetutament għal approċċ pragmatiku biex jiġu stabbiliti ammonti unitarji, b'mod partikolari fl-ippjanar ta' interventi differenzjati ħafna, eż. interventi ambjentali mmirati ħafna fil-pilastru II. F'dan il-kuntest, ġie enfazzat li r-relazzjoni bejn l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi fil-livell ta' intervent u l-ippjanar tal-ammonti unitarji u l-outputs kienet riġida wisq. Għalhekk il-Presidenza pproponiet li l-approċċ oriġinali ta' proċedura purament matematika għad-determinazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għal intervent għandu jiġi abbandunat. Is-suġġerimenti tal-Presidenza għalhekk għamluha saħansitra aktar ċara li l-allokazzjoni finanzjarja hija indikattiva u taw lill-Istati Membri aktar flessibbiltà fl-ippjanar. Barra minn hekk, ġie inkluż il-kunċett tal-ammonti unitarji medji u tal-outputs aggregati. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-ippjanar ta' interventi differenzjati ħafna, bħall-ekoskemi, ċerti interventi ambjentali fil-pilastru II u pagamenti għal żoni b'restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet oħra speċifiċi għaż-żona. B'mod ġenerali, dan l-approċċ ser jissimplifika ħafna d-deskrizzjoni tal-interventi. Il-Presidenza għandha l-għan li tikkonkludi l-ħidma fuq l-ammonti unitarji u r-rapporti ta' prestazzjoni annwali tad-WP HAQ.

Pagamenti Diretti

1. **Limiti massimi u digressività.** Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP, il-Presidenza adattat l-abbozzar legali billi indikat li l-limiti massimi għandhom ikunu volontarji għall-Istati Membri. Filwaqt li żammet l-ispirtu tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, introduċiet ukoll mekkaniżmu volontarju għat-tnaqqis tal-pagamenti diretti taħt EUR 100 000 u limitu massimu volontarju għal riċevituri kbar lil hinn minn dak il-limitu li jipprovdi livell massimu ta' flessibbiltà għall-Istati Membri.
2. **Kwistjonijiet oħra relatati mal-pagamenti diretti.** Taħt Presidenzi preċedenti sar progress sinifikanti fil-qasam ta' pagamenti diretti oħrajn. Għalhekk, il-Presidenza hija tal-opinjoni li t-testi legali fil-verżjoni tal-Presidenza Kroata jistgħu jiġu appoġġati minn maġġoranza wiesgħa tal-Istati Membri.

Biex jiġi strutturat id-dibattitu fil-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tal-21 ta' Settembru 2020, il-Previdenza tixtieq tistieden lill-Ministri biex **jiskambjaw il-fehmiet tagħhom dwar l-aspetti li ġejjin li għalihom tkun meħtieġa gwida politika:**

1. L-Istati Membri ilhom jappoġġaw fil-prinċipju l-ambizzjoni ambjentali oġġla tal-PAK futura minn mindu tressqu l-proposti ta' riforma. Biex dak l-impenn jiġi traspost f'miżuri ta' politika konkreti, il-Previdenza ppreżentat suġġerimenti għall-abbozzar, li jkopru allokkazzjoni minima tal-baġit għall-ekoskemi, dispożizzjonijiet biex jiġi evitat it-telf ta' fondi tal-ekoskemi mhux minfuqa, approċċ fuq żewġ livelli li jikkonċerna oqsma mhux produttivi u ċerti oqsma produttivi (KAAT 9), id-delimitazzjoni għal miżuri agroambjentali fil-pilastru II, u skema adatta għall-kondizzjonalità għal azjendi agrikoli iżgħar.

Mistoqsija 1:

Taqbel mal-approċċ tal-Previdenza għall-Arkitettura Ekoloġika tal-PAK futura?
Fl-opinjoni tiegħek, liema elementi tal-PAK ikunu l-aktar rilevanti biex l-ambizzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK futura ssir effettiva u kredibbli?

2. Il-pagamenti diretti ser ikompli jkunu l-istrument ewlieni għal appoġġ immirat biex il-bdiewa jkunu jistgħu jipprovdu ikel ta' kwalità għolja kif ukoll servizzi soċjetali u ambjentali, u biex tiġi żgurata l-istabbiltà soċjoekonomika meħtieġa u l-perspettivi fit-tul għall-biedja tal-UE.

Il-Previdenza, filwaqt li tibni fuq il-progress miksub mill-Previdenzi preċedenti, għamlet suġġerimenti għall-istruttura tas-sistema futura ta' pagamenti diretti, inkluż l-appoġġ għall-introjtu bażiku għas-sostenibbiltà (BISS), l-appoġġ għall-introjtu komplementari għall-bdiewa żgħażaġh, u l-appoġġ għall-introjtu ridistributtiv komplementari għas-sostenibbiltà.

Abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-QFP, il-Presidenza ssuġġeriet ukoll li jiġi introdott mekkaniżmu volontarju biex jiġu limitati l-pagamenti diretti, inkluż dispożizzjonijiet għall-Istati Membri biex japplikaw aktar tnaqqis tal-pagamenti diretti għal riċevituri kbar, filwaqt li jiġi żgurat grad għoli ta' flessibilità għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jagħmlu dan.

Mistoqsija 2:

Taqbel mas-suġġerimenti tal-Presidenza li l-Istati Membri jitħallew jagħmlu użu flessibbli mill-possibbiltajiet tal-immirar għal pagamenti diretti?

Tara li hemm il-ħtieġa għal dispożizzjonijiet ta' gwida addizzjonali biex jinkiseb livell għoli ta' applikazzjoni uniformi tas-sistema tal-pagamenti diretti fl-UE kollha?

3. Il-Mudell ta' Implimentazzjoni Ġdid (NDM) huwa karatteristika ewlenija tal-PAK futura, u għandu jgħin biex tizzied l-effiċjenza tal-PAK fir-rigward tat-twettiq tal-miri tagħha, kif ukoll it-titjib tar-responsabbiltà tal-PAK lejn il-pubbliku. Fl-istess ħin, peress li l-NDM ikun approċċ amministrattiv u ta' ġestjoni kompletament ġdid meta mqabbel mas-sistema l-antika bbażata fuq il-konformità, diversi Presidenzi għamlu sforz kbir biex jagħmluha prattikabbli u fattibbli mhux biss għall-bdiewa, iżda wkoll għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-Kummissjoni.

Fil-KSA tal-14 ta' Settembru 2020, il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar il-ħidma li għaddejja għal aktar titjib fl-NDM.

Mistoqsija 3:

Fl-opinjoni tiegħek, liema dispożizzjonijiet huma l-aktar importanti biex jinkiseb bilanċ bejn l-enfasi fuq twettiq aħjar u l-ħtieġa li tiġi pprovduta simplifikazzjoni amministrattiva?

Liema huma l-elementi li tipproponi li jissaħħu sabiex jitjeb dak il-bilanċ?